

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, li tannulla l-atti inkwistjoni (l-Annessi għad-Deċiżjoni Kunsill 2014/776/PESK <sup>(1)</sup> u għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1202/2014 <sup>(2)</sup>, u tal-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK <sup>(3)</sup> u l-Anness IX għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 <sup>(4)</sup> (kif emendat, rispettivament, bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2014/776/PESK u l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1202/2014)) sa fejn jindikaw lill-appellanti bħala entità suġġetta għal miżuri restrittivi taħt l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, sabiex jingħatalha kumpens għad-danni sostnuti lir-reputazzjoni tagħha minħabba tal-atti tal-Kunsill u tikkundanna lill-Kunsill li jbati l-ispejjeż sostnuti minnu fl-ewwel istanza u fl-appell.

L-appellanti tinvoka dawn iż-żewġ aggravji insostenn tat-talba tagħha li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali kienet ivvizzjata minn żball ta' liġi, u li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannullaha u tiddeċiedi l-kawża hija stess:

L-ewwel nett, li l-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, naqset milli tiddeċiedi li l-Kunsill naqas milli joserva rekwiżit proċedurali sostanzjali u/jew wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta adotta d-deċiżjoni li jinkludi fil-lista lil Sharif University of Technology peress li naqas milli jwettaq l-eżerċizzju deċiżjonali li kellu l-obbligu li jwettaq.

It-tieni nett, li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-kriterju legali ta' "appoġġ" lill-Gvern tal-Iran fl-Artikolu 20(1) (c) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK (kif emendata) u l-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 (kif emendat) li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill sabiex jiġġustifika l-inklużjoni tal-appellanti bħala suġġetta ta' miżuri restrittivi bir-riżultat li kkonkludiet b'mod żbaljat li l-provi prodotti mill-Kunsill kienu jikkorroboraw l-inklużjoni tal-appellanti fil-lista.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/776/PESK tas-7 ta' Novembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ĠU L 325, p. 19

<sup>(2)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1202/2014 tas-7 ta' Novembru 2014 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ĠU L 325, p. 3

<sup>(3)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK ĠU L 195, p. 39

<sup>(4)</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010, ĠU L 88, p. 1

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (is-Slovenja) fil-15 ta' Lulju 2016 – T-2, družba za ustvarjanje, razvoj in trženje elektronskih komunikacij in opreme, d.o.o. (attwalment fi stralċ) vs Ir-Repubblika tas-Slovenja**

**(Kawża C-396/16)**

(2016/C 335/57)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

### Qorti tar-rinviju

Vrhovno sodišče Republike Slovenije

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: T-2, družba za ustvarjanje, razvoj in trženje elektronskih komunikacij in opreme, d.o.o. (attwalment fi stralċ)

Konvenuta: Ir-Repubblika tas-Slovenja

**Domandi preliminari**

- 1) It-tnaqqis tal-obbligi abbażi tal-omologazzjoni, b'digriet li sar *res judicata*, tal-arranġament ġuridiku msemmi fil-proċedura prinċipali għandu jitqies li huwa tibdil fil-fatturi użati għad-determinazzjoni tal-ammont tal-input VAT li għandu jitnaqqas, fis-sens tal-Artikolu 185(1) tad-Direttiva tal-VAT<sup>(1)</sup> jew inkella bħala sitwazzjoni differenti, fejn it-tnaqqis huwa ogħla jew inqas minn dak li kienet intitolata għalih il-persuna taxxabbli, fis-sens tal-Artikolu 184 tad-Direttiva tal-VAT?
- 2) It-tnaqqis tal-obbligi abbażi tal-omologazzjoni, b'digriet li sar *res judicata*, tal-arranġament ġuridiku msemmi fil-proċedura prinċipali għandu jitqies li huwa nuqqas ta' ħlas parzjali, fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 185(2) tad-Direttiva tal-VAT?
- 3) Fid-dawl tar-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' ċertezza tas-sitwazzjonijiet ġuridiċi imposti mil-leġiżlatur tal-Unjoni u mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 186 tad-Direttiva tal-VAT, sabiex Stat Membru jeżiġi aġġustament tat-tnaqqis fil-każ ta' nuqqas totali jew parzjali ta' ħlas, kif jippermetti t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 185(2) tad-direttiva, għandu dan l-Istat Membru jipprevedi speċifikament, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-każijiet ta' nuqqas ta' ħlas jew saħansitra jinkludi fiha l-arranġament ġuridiku omologat li sar *res judicata* (jekk dan jaqa' taħt il-kunċett ta' nuqqas ta' ħlas)?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).